MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1590/2002

**Suzanne sive Sue Rossi li tiggestixxi d-ditta Modelle International**

**vs**

**Roderick Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u hmistax il-lira Maltin (Lm115.00) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici u rizultanti mill-fatt li l-konvenut unilateralment iddecieda li ma jkomplix bil-partecipazzjoni fil-konkors "Mr. Maltese Islands' kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji datati 18 ta' Mejju 2002 u 30 ta' Mejju 2002, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mhux dovut mill-konvenut ghaliex l-attrici qatt ma esegwit ix-xoghlijiet indikati fl-'invoice' anness mat-talba u dan fuq ordnijiet specifici tal-konvenut, ghalhekk l-attrici ma sofriet ebda danni, kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Sue Rossi, Claudia Dalli u tal-konvenut Roderick Borg. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-attrici organizzat konkors tas-sbuhija bl-isem 'Mr. Maltese Islands for Mr. World' liema konkors kellu jsir fil-bidu ta' Gunju 2002. Il-konvenut kien applika sabiex jiehu sehem f'dan il-konkors skond ma jirrizulta mill-applikazzjoni relattiva li tinsab inserita a fol. 30 tal-process. Mill-provi rrizulta li din l-applikazzjoni giet sottomessa fil-15 ta' April 2002. Mill-provi rrizulta wkoll li sussegwentement il-konvenut kien nforma lill-attrici li ma kienx ser jippartecipa fil-konkors in kwistjoni. M'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar meta l-konvenut effettivament informal ill-attrici bid-decizjoni li jirtira l-partecipazzjoni tieghu fil-konkors izda mill-korrispondenza skambjata bejn l-avukati difensuri tal-partijiet jidher li l-konvenut effettivament informal ill-attrici lejn l-ahhar ta' April.

Illi l-konvenut jikkontendi li l-ammont mitlub mill-attrici fil-kawza odjerna m'huwiex dovut minnu peress li huwa kien informal ill-attrici bid-decizjoni tieghi biss ftit tal-jiem wara li ssottometta l-applikazzjoni relattiva u kwindi hija ma setghat sofriet ebda Danni bhala konsegwenza ta' dan l-agir.

Illi mal-applikazzjoni relattiva kien hemm annessa wkoll dikjarazzjoni debitament iffirmata mill-konvenut ( a fol. 29) fejn huwa accetta li jhallas issomma ta' mhux aktar minn Lm200.00 bhala penali lill-attrici fl-eventwalita li huwa jonqos milli jippartecipa fil-konkors. F'dan il-kaz l-attrici

ddecidiet li timponi penali ta' Lm115.00. Mill-provi rrizulta ampjament pruvat li l-konvenut naqas mill-obbligi kontratwali assunti minnu fil-mument li huwa ffirma l-imsemmija dikjarazzjoni u ssottometta l-applikazzjoni tieghu. Jidher ghalhekk li l-attrici kienet intitolata li timponi l-penali ta' Lm115.00 liema penali tifforma s-sorte fil-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u hmistax il-lira Maltin (Lm115.00), bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------